# FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Grazio Mercieca LL.D.

## Seduta tat-28 ta' Dicembru 2001

Fl-atti tal-avviz Numru 53/01GT(GM)
fl-ismijiet:

Joseph Agius & Sons (Gozo) Ltd

-vs-

Ganni Bezzina

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li permezz taghha s-socjeta' attrici talbet illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas l-ammont ta' tliet mija sebgha u sittin lira Maltija u disgha u tletin centezmu (Lm367.39) flimkien ma' l-interessi fuq din is-somma mill-4 ta' Jannar 1999 sad-data tal-hlas effettiv. Dan l-ammont hu dovut lis-socjeta' attrici bhala prezz ta' merkanzija li giet ikkonsenjata lilu fuq struzzjonijiet tieghu stess diversi drabi fil-hanut Bezzina Confectionery NB Our Lady of Sorrow Street, Marsalforn.

Ghalkemm interpellat diversi drabi ihallas dan l-ammont il-konvenut baqa' inadempjenti. Bl-ispejjez ta' l-ittra interpellatorja tas-6 ta' Gunju 2001 u tat-3 ta' Settembru 2001.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. illi t-talbiet tas-socjeta' attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt u m'ghandhomx jigu milqugha u dana stante illi m'hu dovut l-ebda ammont mill-konvenut stante illi kull pendenza li kien hemm gia thallset u dana kif jirrizulta mill-istatement hawn anness u markat bhala Dokument A.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

Sema' il-provi u ezamina d-dokumenti esibiti

Ikkunsidra;

Illi jirrizulta li sa Frar 1999, is-socjeta' attrici kienet bhala agent tixtri l-prodotti minghand Simonds Farsons Cisk plc u terga' tbieghhom that il-kundizzjonijiet li trid hi filwaqt illi wara din id-data, Simonds Farsons Cisk plc bdiet tbiegh il-prodotti hija direttament u tithallas hi direttament. Kwalunkwe krediti dovuti lis-socjeta' attrici qabel Frar 1999 kellha tibqa' tigborhom is-socjeta' attrici, ghax dawn kienu dovuti lilha u mhux lil Simonds Farsons Cisk plc. Li ma kellha x'taqsam xejn maghhom. Dan jirrizulta bl-iktar mod inekwivoku mhux biss mix-xhieda ta' Bernarda Agius, direttrici tas-socjeta' attrici, imma wkoll minn Mario Spiteri, impjegat ma' Simonds Farsons Cisk plc. Il-flus li l-konvenut hallas lil din l-ahhar socjeta' kienu ghal merkanzija fornita wara Frar 1999 filwaqt illi dak li qed titlob is-socjeta' attrici huwa ghal merkanzija fornita minnha qabel l-imsemmija data. Evidentement il-konvenut tfixkel billi huwa dejjem ihallas l-ahhar kontijiet li jibghatulu, u ma ndunax illi ghalkemm hallas lil ta' Farsons ghal xoghol ricenti, xorta wahda kien baqghalu jhallas bilanc lis-socjeta' attrici.

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' LM367.39c prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u kkunsinnata, bl-imghax mill-4 ta' Jannar 1999 sad-data tal-hlas effettiv u bl-ispejjez inkluzi d-dritt tal-avukat li ppatrocinja lis-socjeta attrici f'din il-kawza.

(ft.) Grazio Mercieca
Gudikant

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur